**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 58/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 23.**

**Grace Peddar (504445M)**

**Der Paul Flats, Flat 12,**

**Triq J Quintano,**

**San Pawl il-Bahar**

**Vs**

**Maria Camilleri**

**Seabreeze**

**F. Xuereb Street,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attrici fit-2 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) danni kkawzati fil-fond tal-attrici li jinsab appartament numru tnax (12) Der Paul Flats,

J. Quintano Street, San Pawl il-Bahar minhabba perkolazzjoni tal-ilma mill-fond tal-intimata f'Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) .

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**